***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017 dwar punt imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea dwar rappurtaġġ f'gazzetta**

Fis-seduta 463 tad-19 ta' Diċembru 2016, l-Onor. Ċensu Galea talab lis-Sedja biex tissindika dak li nkiteb fl-editorjal ta' *l-Orizzont* tas-16 ta' Diċembru 2016 fejn intqal hekk:

> "Jumejn ilu għadd ta' deputati Nazzjonalisti wkoll taw ir-raġun lill-Prim Ministru bi kliemhom u għemilhom. Waqt dibattitu dwar it-twelid mill-ġdid tal-MCESD, fejn Dalli wkoll se twettaq riformi deċisivi, dawn daru għal dan il-Ministeru ħabrieki u attakkawh b'mod insensat. Ibda minn Clyde Puli u kompli b'Ċensu Galea u spiċċa bil-meravilja ta' Edwin Vassallo, li ħarġu mis-suġġett u tkellmu fuq kollox biex joskuraw din il-bidla meħtieġa li huma qatt ma ħolmu li jagħmlu. Ħasbu li se jfixklu lill-Ministru Dalli iżda din spiċċat dawret l-istess attakki inutli tagħhom fuqhom ..."

Hawnhekk l-Onor. Ċensu Galea kien qed jagħmel referenza għal dan l-editorjal li s-Sedja ġiet mogħtija kopja tiegħu u li tiegħu qed tagħmel parti mill-kwotazzjoni tal-istess editorjal fejn l-Onor. Ċensu Galea talab jekk huwa fid-diskors tiegħu li għamel fis-seduta 462 kienx hemm xi forma ta' kritika fejn b'xi mod huwa ġustifikat dak li kiteb l-editur ta' *l-Orizzont* fil-ħarġa tas-16 ta' Diċembru 2016. L-Onor. Ċensu Galea għamilha ċara li ma kienx qed jitlob dan biex is-Sedja tara hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ skont l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, partikolarment l-artiklu 11. Għaldaqstant ma kienx qed jitlob li s-Sedja tissindika jekk hemmx każ *prima facie* fil-konfront tal-editur ta' *l-Orizzont*.

Is-Sedja rat id-diskors li għamel għar-rigward tad-dibattitu li kien qed isir dwar l-MCESD min-naħa tal-Onor. Ċensu Galea, ċjoè dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali. Is-Sedja rat diversi interventi li għamel l-istess Onor. Galea u l-punti saljenti li tħoss li għandha tagħmel referenza għalihom u nikkwota:

> "Jien naqbel ma' ħafna minn dak li qalet is-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana llejla dwar il-mod ta' kif l-anzjani f'pajjiżna għadhom ikomplu jibqgħu attivi, dwar il-fatt li aktar persuni għandhom jibqgħu jagħtu s-sehem tagħhom kemm jista' jkun fit-tul f'ħajjitna u dan ġegħelni nbiddel ħafna minn dak li kellu jkun l-intervent oriġinali tiegħi."

L-Onor. Ċensu Galea qal ukoll hekk:

> "Ladarba qed inwessgħu d-diskussjoni llejla b'dan il-mod, fl-opinjoni tiegħi, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għandu jara għaliex il-Gvern jiddeċiedi li jagħmel ċertu tip ta' investimenti f'ċerti lokalitajiet, però jiddeċiedi wkoll li minkejja kollox, minkejja l-bżonnijiet, minkejja l-ħtiġijiet ta' lokalitajiet oħrajn, jibqa' ma jagħmilx l-investimenti neċessarji."

L-Onor. Ċensu Galea jkompli jgħid hekk:

> "Tirrappreżenta lil Għawdex, u għamlet referenza għal Għawdex. Però minn dik it-triq li kull wieħed u waħda minna jgħaddi jew biex jieqaf il-Mellieħa jew biex jibqa' sejjer aktar 'il bogħod, irid jiffaċċja l-problemi li permezz tagħhom qed ibati hu. Nistaqsi: Qatt qagħad bilqiegħda u ħaseb dwar il-ħtiġijiet li hemm f' dak il-post partikolari?"

Fl-intervent tiegħu l-Onor. Ċensu Galea, li kien pjuttost twil, imbagħad qal hekk:

> "Ilbieraħ issemmiet ukoll il-kwestjoni ta' daqstant importanza, fejn l-Onor. Vassallo għamel referenza għall-faqar u għal kwestjonijiet li hawnhekk noqogħdu ngħidu: Daqqa wieħed jgħid 100,000, l-ieħor jgħid 90,000, l-ieħor jgħid 95,000. Qisna qegħdin nitkellmu fuq il-faqar bħal numri tal-lottu li jitilgħu s-Sibt! Il-faqar huwa xi ħaġa li msieken huma n-nies li jkunu għaddejjin minnha!"

L-Onor. Ċensu Galea mbagħad spiċċa dan id-diskors hekk:

> "Sakemm f'dan il-Kunsill nibqgħu nedhew fuq jekk issa l-Kunsill hux qed jiltaqa' f'lukanda jew f'kamra f'Ministeru... Dawn huma l-vera punti ta' diskussjoni għall-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali? Naqra l-*front pages* tal-gazzetti u ngħidu: Issa m'għadniex niltaqgħu f'lukanda. Jekk kien hemm lukanda li qed titlob ħlas żejjed, nagħmlu sewwa li nbiddluha. F'dan l-Abbozz ta' Liġi għandna li l-Kunsill jista' jiddeċiedi l-post fejn jiltaqa'. Mhux se nindaħal jien il-post fejn se jiltaqa'. Però, il-funzjoni vera ta' dan il-Kunsill mhijiex jekk jiltaqax il-Mellieħa jew Birżebbuġa, jew jekk jiltaqax il-Belt jew xi mkien ieħor. Il-funzjoni vera ta' dan il-Kunsill hija u għandha tkun li jara li bis-serjetà jara l-interessi ta' pajjiżna; jara l-interessi ta' dan il-poplu; jara l-interessi ta' kull wieħed u waħda minna! Sakemm dan il-Kunsill ma jagħmilx dan, jiddisjpaċini ngħid li jkun qed ifalli, għaliex dak għandu jkun l-irwol prinċipali ta' kunsill bħal dan.
>
> Jalla li fl-aħħar mill-aħħar l-emendi li għandna llum, li l-Oppożizzjoni taqbel dwarhom, iwasslu biex l-attitudni li kellna sal-lum tinbidel fl-aħjar interess, mhux tal-Gvern jew tal-Oppożizzjoni, imma tinbidel fl-aħjar interess tal-poplu Malti."

Is-Sedja nnotat li għalkemm l-editorjal qed jagħmel referenza għal x'qal l-Onor. Ċensu Galea fid-dibattitu dwar l-MCESD, xorta waħda tħoss li minn dak li kiteb l-editur, għalkemm għandu kull dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu bħalma għandu kull dritt il-Membru Parlamentari li jagħmel id-diskors tiegħu min-naħa tal-Oppożizzjoni u jikkritika b'mod oġġettiv kif iħossu dwar dak is-suġġett li jkun qed jiġi dibattut fil-Kamra tar-Rappreżentanti, il-kliem li ntuża, u cjoè "Tkellmu fuq kollox biex joskuraw din il-bidla meħtieġa li qatt ma ħolmu li jagħmlu. Ħasbu li se jfixklu lill-Ministru Dalli", ma jidhirx li jirrispetta dak li effettivament qal l-Onor. Ċensu Galea u għalhekk se tkun qed tibgħat kopja tat-traskrizzjoni tad-diskors tal-Onor. Ċensu Galea lill-editur ta' *l-Orizzont* sabiex b'referenza għall-editorjal li kiteb fis-16 ta' Diċembru 2016, jara għandux jagħmel korrezzjoni jew jibdel il-kliem li kiteb wara li jkun qara l-istess traskrizzjoni. Dan biex dejjem nuru rispett b'mod oġġettiv għal dak li jkun qed jintqal fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Dan ir-*ruling* huwa deċiż.